# MINUTI

## Is-sitt Kunsill - SEDUTA Nru. 29

Il-Hamis, 4 ta' Frar, 2010

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 31 Triq Nofsinhar, fit-3.00 p.m.

Is-Sindku, Dr. Alexiei Dingli ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku, il-Vici Sindku u l-Kunsillieri Raymond Azzopardi, Valerie Borg, Peter Buontempo, Mario Camenzuli u Vince Farrugia.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

## MINUTI

Il-minuti tas-Seduta Nru. 28 li saret nhar it-Tlieta, 12 ta' Jannar, 2010 kienu konfermati wara li taht l-item Mozzjoni Nru VI/23-1 flok l-ewwel sentenza jidhol il-kliem "Il-Kunsillier Azzopardi nforma lill-Kunsill fuq il-komunikat li kellu dwar il-mozzjoni msemmija mad-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Il-Kunsillier Azzopardi infurmah li skont hu, fl-ittra mhux qieghed jinghad dak li ntqal fis-seduta precedenti".

## HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

***Konferenza Bliet Kapitali tal-Mediterran***
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li din il-konferenza li kienet ser issir fil-Portugall u li ghaliha kien ser jattendi l-Kunsillier Buontempo, giet posposta ghal data li ser tithabbar aktar tard.

***Bins ghas-separazzjoni ta' l-iskart fl-appartamenti***
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li r-residenti f'dawn l-appartamenti kienu rrifjutaw li jkollhom dawn il-bins fl-entratura ta' l-appartementi taghhom.

***Jum il-Belt***
Il-Kunsillieri Borg u Farrugia ser jiltaqghu sabiex jahdmu fuq il-programm ta' Jum il-Belt;

## FINANCIAL STATEMENTS GHAS-SENA LI GHALQET DICEMBRU '09

IL-Kunsill approva unanimament il-Financial Statements ghas-sena April – Dicembru '09.

## L-ESTIMI TAD-DHUL U HRUG GHAS-SENA 2010

Il-Kunsill unanimament approva l-estimi tad-dhul u hrug ghas-sena 2010.

## LAQGHA TAL-LOKALITA`

Kien hemm qbil li jergghu isiru tliet laqghat tal-lokalita`, wahda f'kull parrocca. Ghandhom jinstabu tliet nhar ta' Tnejn wara xulxin meta jsiru dawn il-laqghat.

## L-OFFERTI GHAL MARKETING PLAN GHAL BELT VALLETTA

Il-Kunsill ircieva offerta wahda biss ghas sejha ghall-offerti gahl marketing plan. L-offerta hija tas-Sur Alfred Triganza u tammonta ghal €19,175.00. Wara li ra d-dokumenti prezentati, il-Kunsill unanimament qabel li din l-offerta tinghata lis-Sur Alfred Triganza.

**BYE-LAW TA' L-2010 DWAR IL-MANUTENZJONI TAL-FACCATI TAL-BINI**

Il-Kunsill qabel li kopja ta' din il-bye law tintbghat ghall-kunsiderazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

**KORRISPONDENZA**

Inqraw l-ittri l-aktar rilevanti.

- Il-Kunsill gie nfurmat bl-invit ghall-Quddiesa Pontifikali ghall-Festa ta' San Pawl;
- Il-Kunsill ircieva ittra mis-Socjeta` Filarmonica La Valetta dwar programm ta' attivitajiet li ser jorganizzaw ghall-festi tal-Gimgha l-Kbira. Fuq proposta tas-Socjeta`, il-Kunsill qabel li jkun kopartecipi f'din l-attivita` u jiehu hsieb l-attivitajiet li hemm ippjanati li jsiru f'Hadd il-Palm u li huwa wkoll Jum il-Belt. Huwa stmat li din il-gurnata ser tiswa madwar €1,800;
- Il-Kunsill ircieva ittra ta' ringrazzjament mill-President ta' Malta ghall-girja/mixja li saret ghall-karita`;
- Il-Kunsill ma laqax it-talba tal-Maltapost ghal reserved parking quddiem il-fergha ta' Triq l-Ifran;
- Gie mressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill kopja tar-rapport dwar l-efficjenza tal-Kunsilli Lokali ghall-perjodu April – Lulju 2009;
- Il-Kunsill talab l-opinjoni tal-Malta Transport dwar talba mill-Kappillan ta' San Duminku sabiex waqt il-hin tal-Museum tinghalaq Triq San Duminku bejn Triq ir-Repubblika u Triq Merkanti;

**KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

***Attivita` fl-ahhar tas-sena***
Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku li jibdew diskjussjonijiet sabiex fl-ahhar tas-sena isir kuncert fi Pjazza San Gorg.

***Devolution ta' Peacock Garden***
Il-Kunsill qabel ma' proposta tas-Sindku sabiex tigi mitluba d-devolution ta' Peacock Garden. Minhabba l-istat hazin li jinsab dan il-gnien u minhabba li mhux qed jigi utilizzat bl-ahjar mod, kien hemm qbil unanimu li wara li tinghata d-devoluzzjoni, il-Kunsill ikun jista' jibda l-proceduri sabiex jittrasforma dan l-ispazju.

***Zjara mis-Sindku ta' Westminister***
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li aktar 'il quddiem gej is-Sindku ta' Westminister u ser ikollu laqgha mal-Kunsill. Il-Kunsill ser ihallas il-flights relatati ma' din iz-zjara.

***Twinning ma' Nicosia***
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ghaddejjin proceduri sabiex jinbeda l-process ghal twinning ma' Nicosia. Aktar 'il quddiem ser issir *preparatory visit* dwar il-possibilta` ta' dan il-gemellagg.

***Valletta Grand Prix***
Ser jerga' jsir il-Valletta Grand Prix f'Mejju li gej.

***Applikazzjoni ghal Special Funds***
Is-Sindku nforma li l-Kunsill kien applika ghall-fondi specjali minhabba t-tindif tac-centru kummercjali kif ukoll minhabba l-attendenza u tindif tal-latrini pubblici.

***Skema ghall-Accessibilta`***
Il-Kunsill applika sabiex isiru r-railings fit-turgien ta' Triq Santa Lucija u Triq it-Teatru l-Antik.

***Skema ghal restawr ta' postijiet storici zghar***
Il-Kunsill applika sabiex jigu restawrati numru ta' nicec li hawn fil-kantunieri tal-Belt.

***Interviews ghal impjegati godda***
l-Interviews ser isiru fil-11 ta' Frar, 2010.

***Resurfacing ta' toroq***
Kien hemm qbil li jinbeda l-process ghal resurfacing ta' Triq San Pawl minn Triq l-Arcisqof 'l isfel u Triq l-Ifran minn Triq it-Teatru l-Antik 'l isfel.

***Progetti mill-Gvern Centrali***
Is-Sindku ta informazzjoni lill-Kunsill dwar il-progetti li qed isiru fil-Belt mill-Gvern Centrali fosthom il-Bus Terminus, il-progett ta' l-area ta' Liesse, Sant Jiermu, il-progett ta' Renzo Piano li mistenni jibda f'April, ir-restawr tal-fortifikazzjonijiet u l-lift tal-Barrakka.

**MISTOQSIJIET**

Ma kienx hemm mistoqsijiet xi jsiru

**TMIEM**

Fil-5.15pm intemmet is-Seduta.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku